**Il-Ħames Sena- Kitba K5**
Ikteb avviż lir-residenti tar-raħal tiegħek fuq attività li se torganizza l-għaqda volontarja tiegħek għal żmien il-Milied.

**Magħquda flimkien fi żmien il-Milied,**
**ejjew duqu l-kejkijiet.**

Għeżież Residenti Mostin,

F'isem il-Mosta Girl Guides, nixtiequ ninfurmawkom dwar attività li se ssir nhar il-Ħadd 17 ta' Diċembru 2024, fil-pjazza tal-Mosta, bejn id-9.00 u t-3.00.

Din l-attività se tikkonsisti fi ġbir ta' fondi b'risq il-Mosta Girl Guides stess, sabiex nkunu nistgħu nsostnu l-manutenzjoni tal-bini tagħna.

Ser ikunu qegħdin inbigħu kejkijiet tal-Milied u xi dekorazzjonijiet għad-dar, magħmula mit-tfal li jattendu l-Girl Guides stess. Se jkun hemm ukoll logħob u avvenimenti għall-familja kollha!

Aħna nistidnukom sabiex tingħaqdu magħna f'din l-attività ta' żmien il-Milied!

Il-Milied u l-festi t-tajba!
Mosta Girl Guides.

*Kimberly Galea*
*Francesca Galea*

